# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum it-Tlieta, 7 ta' Novembru 2017**

**Rikors Ġuramentat Numru: 143/2006 PC**

**John u Salvina konjuġi Vella**

**vs**

**Carmel u Mary Ann Camilleri**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-atturi, wara li ppremettew:

Illi huwa personalment wettaq xogħol konsistenti f'xogħol ta' kostruzzjoni fil-fond bin-numru sitta (6), Triq San Leonardu, limiti Xewkija, Għawdex liema fond jappartjeni lill-konvenuti;

Illi x-xogħol kollu li sar twettaq fuq struzzjonijiet ta' l-atturi nfushom li b'mod regolari kienu jissorveljaw l-istess xogħolijiet;

Illi in oltre, minkejja li ġia tħallsu xi ammonti akkont, għad baqa' bilanċ ta' ħamest elef sitt mija u tmintax-il lira Maltin (Lm5,618) liema ammont ġie debitament notifikat lill-mittenti diversi drabi u b'diversi modi;

Illi minkejja diversi tentattivi, l-konvenuti dejjem baqgħu inadempjenti;

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri versu l-atturi fl-ammont ta' ħamest elef sitt mija u tmintax-il lira Maltin (Lm5,618) kif ukoll l-interessi legali mid-data tat-tlestija tax-xogħolijiet sad-data ta' l-effett pagament;

2. Tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex iħallsu lill-atturi l-istess ammont flimkien ma' l-interessi legali mid-data tat-tlestija tax-xogħolijiet sad-data ta' l-effett pagament;

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċċjali ta' Lulju 2006 kollha kontra l-konvenuti li jibqgħu minn issa stess imħarrka għas-subizzjoni.

Għaldaqstant qegħda ssir din il-kawża.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuti li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti John u Salvina konjuġi Vella huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u dan stante illi l-amont pretiż minnhom mhux dovut fl-intier tiegħu. Dan stante illi l-konjuġi Vella fil-kont tagħhom żiedu numru ta' ġranet tax-xogħol li fil-fatt ma nħadmux, żiedu l-prezz tal-għodda li ntużaw li kienu nklużi fl-ammont miftiehem oriġinarjament, żiedu l-VAT fuq l-ammont meta dan kien diġa nkluż fil-prezz miftiehem u ġew mitluba jħallsu materjal li fil-fatt ma ntużax;

2. Illi l-intimati konjuġi Camilleri ma għandhom ibatu l-ebda spejjes ta' dan ir-rikors stante illi huma offrew l-ammont dovut minnhom kemm-il darba iżda kienu r-rikorrenti konjuġi Vella li rrifjutaw li jitħallsu l-ammont li fil-verita kien dovut.

3. Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Frar 2009 li bih innominat lill-A.I.C. Anna Maria Attard Montalto bl-inkarigu illi tara t-tip u l-valur tal-materjal li ntuża fix-xogħol li ġie esegwit mill-attur, u kemm kien jirrikjedi ġranet ta' xogħol sabiex isir ix-xogħol in kwistjoni.

Rat in-Nota tal-istess perit tat-13 ta' Mejju 2009, fejn talbet li tiġi eżonerata minn dan l-inkarigu għar-raġunijiet indikati f'din in-Nota.

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Mejju 2009 fejn ġie nominat l-A.I.C. Alan Saliba in sostituzzjoni tal-perit Attard Montalto.

Rat ir-relazzjoni tal-perit Saliba tat-12 ta' Ottubru 2010, minnu debitament maħlufa fit-2 ta' Ottubru 2012.

Rat ir-relazzjoni addizzjonali tal-perit Saliba ppresentata fis-27 ta' Mejju 2011 u minnu maħlufa fil-11 ta' Novembru 2011.

Rat id-digriet tagħha tad-9 ta' Marzu 2012, fejn fuq talba tal-kontendenti ħatret bħala periti addizzjonali lill-A.I.C. Valerio Schembri, lill-A.I.C Alex Bigeni u lill-A.I.C. Shawn Micallef.

Rat ir-relazzjoni tal-periti addizzjonali ppresentata fil-21 ta' April 2014 u maħlufa mill-A.I.C. Schembri fil-11 ta' April 2017, mill-A.I.C. Bigeni fit-3 ta' Ottubru 2016 u mill-A.I.C. Micallef fis-6 ta' April 2017.

Rat id-digriet tagħha tat-8 ta' Ġunju 2017 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Nota tal-Osservazzjonijiet tal-atturi.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugħa.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed ifittxu mingħand il-konvenuti dak li jgħidu huwa l-bilanċ dovut lilhom minn prezz akbar għal xogħol ta' kostruzzjoni li għamel l-attur fil-fond numru 6, Triq San Leonardu, limiti tax-Xewkija, Għawdex, fuq inkarigu tal-istess konvenuti.

Il-konvenuti jikkontendu li l-ammont mitlub mill-atturi m'huwiex kollu dovut għar-raġunijiet segwenti, u ċioe' li l-konjuġi Vella:

(a) fil-kont tagħhom żiedu numru ta' ġranet ta' xogħol li fil-fatt ma nħadmux;

(b) żiedu l-prezz tal-għodda li ntużat u li kienet nkluża fl-ammont miftiehem oriġinarjament;

(c) żiedu t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fuq l-ammont meta dan kien diġa nkluż fil-prezz miftiehem; u

(d) ġew mitluba jħallsu għal materjal li fil-fatt ma ntużax.

L-ewwel perit tekniku, wara li għamel il-konstatazzjonijiet tiegħu, wasal għal dawn il-konklużjonijiet:

"*40. Ghalhekk il-bilanc pendenti favur l-atturi huwa ta' tlett elf, erba' mija u sebghin Liri Maltin u tmienja u tmenin centezmi (LM3,470.88) jew tmint elef u erbgha u tmenin Euro u tmienja u disghin centezmi (€8,084.98) salv il-mertu legali jekk ir-rata miftehma ghandiex tigi kkunsidrata li kienet tinkludi l-VAT dment li ma giex indikat mod iehor fil-ftehim.*

*F'dan il-każ għandu jitnaqqas l-ammont ta' seba' mija u sebgħa u għoxrin Liri Maltin u għoxrin ċenteżmi (LM727.20) jew elf, sitt mija u tlieta u disgħin Euro u tnejn u disgħin ċenteżmi (€1,693.92) mill-ammont imsemmi.*

*41. L-INTERESSI LEGALI*

*42. Mingħajr ma jidħol f'aspetti li huma ta' natura legali, f'dan ir-rigward l-esponent jissottometti biss li jirriżulta illi x-xogħolijiet esegwiti mill-attur gew kompletati fit-02 ta' Frar 2006."*[1]

Iż-żewġ naħat ħassewhom aggravati b'dawn il-konklużjonijiet u għalhekk talbu l-ħatra ta' periti addizzjonali.

Il-periti addizzjonali, wara li eżaminaw ir-rapport tal-ewwel perit, u għamlu wkoll il-konstatazzjonijiet tagħhom, kienu f'posizzjoni jagħmlu s-segwenti konklużjonijiet:

"*Mill-fatti kollha li gew a konjizzjoni tagħhom u mill-konstatazzjonijiet li għamlu l-Periti Addizzjonali fuq il-post mertu tal-kawża, jidher illi:*

1. *Il-versjoni tal-konvenuti li fil-veru fatt saru 183.50 granet ta' xogħol mill-attur u l-haddiema tiegħu hija aktar verosimili mill-allegazzjoni tal-atturi li fil-fatt saru 222.50 granet ta' xogħol.*

2. *Ħlas għall-użu ta' l-għodda ma kienx kompriż fir-rata miftiehma ta' Lm20.00 għal kull jum ta' xogħol. Dan il-ħlas huwa dovut għal 61 gurnata bir-rata ta' Lm6.00 kulljum għal total ta' cirka Lm431.88 inkluż il-VAT. Barra dan huwa dovut il-ħlas tal-krejn salv meta ngieb krejn biex jispostja trukk f'incident li fih ma kellhomx x'jaqsmu l-konvenuti. Gialadarba issa giet inkluża l-għodda mhux dovut ħlas għall-jigger.*

3. *Ir-rata ta' Lm20.00 miftiehma bejn il-partijiet għal kull gurnata xogħol ma kienitx tinkludi l-VAT. Jsegwi li l-ammont totali dovut għal 183.5 gurnata huwa ta' Lm4330.60 inkluż il-VAT.*

4. *Il-kwalita' tal-gebla riskontrata in situ mhix gebla gingliena pero' viċin ħafna jew fil-veru fatt gebla tal-qiegħ. Ir-rata tal-vjagg għall-gebla tal-qiegħ fit-2005/2006 kienet ta' cirka Lm4.50 (eskluż il-VAT) u għaldaqstant il-ħlas dovut għall-gebla huwa ta' 241 x Lm4.50 u cioe' Lm1279.71.*

5. *L-esponenti jaqblu mal-konklużjoni li wasal għaliha l-ewwel perit u cioe' illi l-attur għandu jitħallas tas-siment, ramel u żrar, xibka u konkos u lavur. In oltre l-Periti*

[1] Ara rapport tal-perit Alan Saliba a fol. 184 – 201 tal-proċess

*Addizzjonali jikkonfemaw il-hlas fl-ammonti akkordati mill-abbli kollega AIC Alan Saliba u dan in vista tal-fatt li tali materjal zgur kien mehtieg ghall-ezekuzzjoni tax-xogholijiet mertu tal-kawza u l-ammonti akkordati huma ragonevoli ghax-xoghol li sar u fil-kwalitajiet li sar.*

6. *L-esponenti ma jaraw xejn hazin f'dak li jirrelata fil-paragrafu 42 tar-Relazzjoni tieghu l-abbli kollega l-AIC Alan Saliba meta jghid 'illi jirrizulta illi x-xogholijiet esegwiti mill-attur gew kompletati fit-02 ta' Frar 2006.'*

7. *L-esponenti jhossu illi a bazi tal-konsiderazzjonijiet taghhom supra u l-konkluzjonijiet raggunti minnhom ghandhom jaggustaw il-bilanc dovut ghas-somma ta' Lm3187.24 inkluz il-VAT."*[2]

Billi dawn il-konklużjonijiet peritali huma ta' natura teknika, u kien appuntu għalhekk li l-Qorti nnominat lil dawn il-periti sabiex jassistuha fl-indaġini tagħha dwar min kellu raġun mill-kontendenti, jidrilha li għandha toqgħod fuqhom, ġialadarba l-periti addizzjonali kellkom l-okkazzjoni jerġgħu jagħrblu sew il-kwisjonijiet tekniċi kollha nqajjma mill-kontendenti f'din il-kawża, wara li dawn kienu ġia ġew eżaminati mill-ewwel perit tekniku. Għalhekk qegħdha taddottahom u tagħmilhom tagħha u konsegwentement taċċetta l-konklużjoni finali tagħhom li mill-ammont mitlub mill-atturi hija dovuta biss is-somma ta' **Lm3187.24**, pari llum għal €**7403.31ċ.**

Jibqa' biss il-kwistjoni tal-imgħax dovut, u minn meta għandu jibda jiġi kkalolat. M'hemmx dubbju li dan id-dejn huwa wieħed kummerċjali. L-attur esegwixxa x-xogħol mitlub mill-konvenuti bħala parti mix-xogħol tiegħu ta' bennej. L-artikolu 1141(1) tal-Kodiċi Ċivili jistabilixxi li jekk l-obbligazzjoni tkun ta' natura kummerċjali, l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita. Il-periti nominati kollha qablu li dawn ix-xogħlijiet tlestew fit-**2 ta' Frar 2006** u għahekk l-imgħaxijiet għandhom jibdew jiddekorru minn dik il-ġurnata., u dan minkejja li l-ammont realment dovut irriżulta inqas minn dak mitlub. Infatti l-Qorti tal-Appell qalet f'dan ir-rigward illi:

"*Fuq l-aggravju ta' l-interessi u d-dekorriment taghhom il-Qorti tinnota li fil-korp ta' l-avviz l-atturi talbu somma determinata u specifika. Jirrizulta li l-atturi nterpellaw gudizzjarjament lill-konvenut ghall-hlas taghha in sodisfazzjoni tad-danni pretizi. Dan jibbasta biex l-ammont reklamat jibda jattira l-interessi ("O'Connor vs Bruno Olivier' a vol.XVI p.1.p84). Il-fatt li l-Qorti rreduciet l-ammont ma jfissirx li l-interessi ma jibdewx ukoll jghaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma, issa ridotta.*"[3]

[2] Ara relazzjoni tal-periti addizzjonali a fol. 276 - 294 tal-proċess
[3] Fogg Insurance Agency Limited noe. vs Paul Tabone: 17.02.2003

Minkejja li fir-Risposta Ġuramentata tagħhom il-konvenuti jgħidu li kienu offrew lill-attur l-ammont li deherilhom li kien realment dovut, ma jirriżultax li dan attwalment sar u li jekk ġie rifjutat, ta' l-inqas għamlu xi depożitu fil-Qorti ta' dan l-ammont. Għalhekk fuq is-somma ta' €7403.31ċ li ġiet stabilita bħala li għadha dovuta, għandhom jiddikorru l-imgħaxijiet legali b'effett mit-2 ta' Ġunju 2006.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti safejn sostnew li l-ammont mitlub mhux kollu dovut, tilqa' t-talbiet attriċi limitatament billi:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri versu l-atturi fis-somma ta' Lm3187.24, pari llum għal €7403.31ċ; bl-interessi legali mit-2 ta' Frar 2006; u

2. Tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex iħallsu lill-atturi din is-somma bl-imgħaxijet mid-data hawn indikata sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi tal-każ għandhom jiġu ssoportati kwantu għal żewġ terzi (2/3) mill-konvenuti, u terz (1/3) mill-attur.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur